MALTA

# QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-FAMILJA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Frar, 2016

Rikors Numru: 280/15 LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 271/2015

**Josienne Grech (ID 283275M)**

**vs.**

**Josef Grech (ID 211672M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-sekwestrat **Josef Grech** (minn issa 'il quddiem "ir-rikorrent eżekutat") ippreżentat fil-15 ta' Diċembru, 2015 fejn għar-raġunijiet imfissra fir-Rikors, ewlenin fosthom illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 271/2015 huwa *prima facie* eċċessiv u intiż sabiex

jivvessah fil-ġestjoni tax-xogħol tiegħu u l-ammonti hemm indikati huma għal kollox esaġerati, talab li din il-Qorti:

*1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 271/2015 għal kollox stante li jmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tordna u tikkundanna lil Josienne Grech penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12 hekk kif kontemplat fit-termini tal-Artikolu 836(8)(ċ) u (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Fin-nuqqas ta' revoka tal-mandat tordna u tikkundanna lis-sekwestranti Josienne Grech sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali, danni u imgħax lill-esponenti u dan skont kif kontemplat fl-Artikolu 838A tal-istess Kap. 12 u fin-nuqqas il-mandat odjern jiġi revokat;*

*4. Fin-nuqqas tordna r-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(e) stante illi teżisti garanzija xierqa għall-pretensjoni tas-sekwestranti Josienne Grech.*

Rat ir-Risposta tas-sekwestranti **Josienne Grech** (minn issa "l-intimata eżekutanti") ippreżentata fil-5 ta' Jannar, 2016 fejn din fis-sustanza tikkontendi illi:

*1. Il-mandat mhux prima facie eċċessiv billi d-dar matrimonjali tiswa €550,000 u mhux €400,000 u dan kif ġie stmat mill-perit tas-sekwestranti Josienne Grech;*

*2. Josef Grech jaqla' iktar minn €80,000 fis-sena min-negozju li għandu;*

*3. Josef Grech sborżja ammont sostanzjali ta' flus mill-HSBC fejn kien fadal biss €58,101 li ġew iddepożitati l-Qorti wara li tnaqqsu l-ispejjeż;*

*4. Josef Grech għandu bonds jiswew €22,846.31;*

*5. Hemm joint account ta' €183,000, €127,000 f'safety deposit box, 3 karozzi, mobilja, deheb u ħaġar prezzjuż.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 271/2015 (minn issa 'il quddiem "il-Mandat") u d-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tad-26 ta' Jannar, 2016 fejn il-kawża tħalliet għall-provvediment għat-12 ta' Frar, 2016;

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 li jaqraw, testwalment, kif ġej:-

*836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie*

> *ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew…*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Illi fl-24 ta' Novembru, 2015, l-intimata eżekutanti kienet talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrent eżekutat għas- somma ta' milljun euro (€1,000,000) liema somma, bħala kawżali tal-istess Mandat tirrappreżenta sehem is-sekwestranti (l-intimata eżekutanti) mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha. Il-Mandat inħareġ lil disgħa (9) sekwestratarji, li sebgħa minnhom huma banek kummerċjali, filwaqt li s-sekwestratarji l-oħra huma l-Malta Stock Exchange u l-Malta Financial Services Authority.

Illi meta tiġi biex tikkunsidra talba għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, il-Qorti trid torbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih, u ċjoè għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħlufa fil-Mandat. (Ara P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Mercieca vs. George Galea**; kif ukoll Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) JRM 21.04.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Rebecca Tiscio vs. Robert Tiscio**).

Illi biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv" ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas

ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat. (Ara P.A. GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd** kif ukoll Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) JRM 21.04.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Rebecca Tiscio vs. Robert Tiscio**).

Illi kwantu għas-somma ta' miljun euro (€1,000,000) li l-intimata eżekutanta kkawtelat permezz tal-Mandat, jekk wieħed joqgħod fuq iċ-ċifri mogħtija mill-istess intimata eżekutanti fir-risposta tagħha, il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tiswa: €550,000 (id-dar) + €22,846.31 (bonds) + €183,000 (joint account) + €127,000 (safety deposit box) + tlett karozzi u oġġetti oħra li l-Qorti qed tagħtihom valur ta' €50,000 Total: €932,846.31.

Illi din il-Qorti trid hawnhekk tistqarr għalfejn mhijiex qiegħda tidħol fil-mertu ta' dak li ġie allegat mill-intimata eżekutanti għar-rigward ta' xi dħul mhux dikjarat li r-rikorrent eżekutat allegatament kellu u jew għad għandu min-negozju tiegħu. Dan għaliex il-proċedura preżenti hija waħda sommarja u fuq livell *prima facie* fejn il-Qorti mhijiex mistennija li timbarka fuq indaġini ta' din ix-xorta. Barraminhekk kienet l-intimata eżekutanti stess li naqset milli tikkwantifika lanqas b'mod approssimattiv din il-pretensjoni tagħha.

Illi tqis għalhekk illi sehem l-intimata eżekutanti Josienne Grech mill-komunjoni, skont dak li ġie kkwantifikat minnha stess abbażi tal-provi

mressqin matul dan il-proċediment, huwa ta' €466,423.16.

Illi waqt it-trattazzjoni sar riferiment għall-kapitalizzazzjoni tal-manteniment pretiż mill-intimata eżekutanti fil-proċeduri ta' separazzjoni li iżda mhijiex rilevanti għal dan il-proċediment billi ma jiffurmax parti mill-akkwisti filwaqt li l-Mandat ma jkoprix manteniment imma biss "sehmha provviżorjament mill-komunjoni tal-akkwisti" (ara paġna 1 tal-Mandat).

Illi tqis illi l-intimata eżekutanti mhijiex qiegħda tikkontesta dak li qiegħed jikkontendi r-rikorrent eżekutat għar-rigward tad-depożiti bankarji li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u ċjoè li huwa meħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet sabiex ikunu jistgħu jsiru versamenti minn dawn il-kontijiet bankarji.

Illi kwantu għal sehem ir-rikorrent eżekutat mid-dar matrimonjali tal-partijiet, liema sehem jista' finalment ikollu jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanta, għandu jingħad illi skont l-Artikolu 3A(3) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16):

> *"Il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għal trasferiment tista' ġġib azzjoni għall-annullament ta' trasferiment li ma jkunx sar skont is-subartikolu (2), f'għeluq sena minn meta t-trasferiment ikun ġie reġistrat".*

Permezz ta' dan l-artikolu l-leġislatur ħoloq rimedju speċifiku biex jipproteġi b'mod effettiv lil min ikollu interess fid-dar matrimonjali. Huwa minnu li sabiex tirrikorri għal dan ir-rimedju l-intimata eżekutanti trid tiftaħ kawża. Imma tali proċedura, wara kollox, tkun waħda skjetta bl-oneru sempliċi, bħala prova, li jiġi prodott il-kuntratt opportun. Mhix raġuni valida fil-liġi li kawża bħal din tkun tinvolvi xi spejjeż. Il-leġislatur

ħass li f'ċirkostanzi bħal dawn għandu jipprovdi dan ir-rimedju speċjali, bi proċedura partikolari, dik ta' kawża.

Din hija proċedura li wara kollox tista' faċilment tiġi segwita mill-intimata eżekutanti f'każ li tkun trid tikkawtela sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti f'każ li jinbiegħ mir-rikorrent eżekutat is-sehem indiviż tiegħu mid-dar matrimonjali.

Illi għar-raġunijiet imsemmija f'dan il-każ għandu japplika l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 peress li mhux raġonevoli li l-Mandat ta' Sekwestru jinżamm fis-seħħ meta sehem ir-rikorrent eżekutat Josef Grech mid-dar matrimonjali faċilment jista' jiġi ikkawtelat permezz tar-rimedju pprovvdut taħt l-Artikolu 3A tal-Kap. 16.

Barraminhekk sehem ir-rikorrent eżekutat mill-flus depożitati fil-kontijiet bankarji fuq imsemmija huwa wkoll adegwatament issalvagwardjat bil-fatt li huwa meħtieġ il-firem taż-żewġ partijiet biex isiru versamenti mill-istess kontijiet.

Din il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti Josienne Grech, anke fl-ipotesi li dawn il-pretensjonijiet mhumiex esaġerati.

Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tħossx li għandha timponi l-penali skont l-Artikolu 836(8)(ċ) u (d) tal-Kap 12.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda tilqa' it-talba tar-**

**rikorrent eżekutat Josef Grech għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 271/15LM fl-ismijiet Josienne Grech (283275M) vs. Josef Grech (ID 211672M).**

**L-ispejjeż ta' dan il-proċediment għandhom ikunu a kariku tal-intimata eżekutanti Josienne Grech.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------